MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1/2011

**Anthony Portelli**

**Vs**

**Joseph Portelli**

Din hi kawza ta' spoll li tirrigwarda porzjon art maghrufa tal-Hanaq fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex li hi murija fil-pjanta a fol. 5[1]. L-attur jippretendi li flimkien ma' hutu hu proprjetarju ta' din l-art u ppremetta li fis-6 ta' Novembru 2010 il-konvenut dahal u hsarat l-art. L-attur talab lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut wettaq spoll ghad-dannu tal-attur meta fis-6 ta' Novembru 2010 dahal u harat l-ghalqa.
2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa l-qorti jirreintegra lill-attur fil-pussess.

---

[1] Murija bil-kulur ahmar.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel ix-xoghol necessarju ghas-spejjez tal-konvenut, taht id-direzzjoni ta' perit.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fis-7 ta' Frar 2011 (fol. 13) il-konvenut wiegeb li mhux veru li:-

1. L-art meritu tal-kawza hi proprjeta tal-attur u hutu.
2. L-attur qatt kellu l-pussess.
3. Ircieva xi ittra ufficjali minghand l-attur jew xi hadd iehor fuq l-art in kwistjoni.

Wara li l-qorti kellha l-opportunita li tisma' lill-attur jixhed m'ghandha l-ebda dubju li f'dan il-kaz m'hemmx l-elementi li huma mehtiega sabiex tirnexxi azzjoni ta' din it-tip. M'hemm l-ebda prova univoka li l-attur hu sid l-art in kwistjoni jew li meta sehh l-allegat spoll kellu l-pussess materjali tal-art. Il-konvenut qieghed jikkontesta li l-art hi proprjeta tal-attur u ta' hutu. L-attur stess meta xehed fis-seduta tal-lum qal li ilu iktar minn ghaxra sa tnax-il sena ma jmur f'din l-art. Sahansitra fl-affidavit li pprezenta fil-11 ta' Frar 2011 iddikjara: *"Milli niftakar, jiena waqaft nahdem dina r-raba ghall-habta tas-sena 1989 jew ftit wara."*. Jekk kif qal l-attur ilu dawn is-snin kollha ma jmur fl-art ma jistax ighid x'kien qieghed jaghmel il-konvenut. Rita Portelli xhud li ressaq l-attur qalet: *"Nghid illi meta kont ghadni nahdem ir-raba tieghi f'dawk l-inhawi, hadd ma kien jidhol fl-ghalqa in kwestjoni hlief ghall-attur, hutu u missierhom.* ***Fil-fatt meta dawn waqfu jhadmuha daqs hmistax-il sena ilu, jew ftit aktar, hadd ma rega hadimha."*** (fol. 25).

M'hemmx dubju li wara dan il-kaz hemm l-id mohbija ta' Paul Portelli, hu l-konvenut, li jidher li ghamel xi konvenju in konnessjoni mal-art oggett tal-kawza. L-attur stess ikkonferma li l-kawza hallas ghaliha Paul Portelli. Paul Portelli u l-konvenut ghandhom diversi kwistjonijiet bejniethom. Interessanti wkoll kif Joseph Portelli stess fil-kawza **Paul Portelli vs Joseph Portelli proprio et nomine** (Rikors 38/2010) ghalkemm iddikjara li l-art hi proprjeta tal-kugini, ulied Frangisk Portelli, qal ukoll li l-art tal-Hanaq *"…**ilha okkupata minn Joseph Portelli ghal***

***dawn l-ahhar ftit snin, certament mhux mill-1977 meta allura Joseph Portelli kien ghadu jghix fl-esteru.”***[2]. Dwar id-dikjarazzjoni li ghamel Paul Portelli li l-art in kwistjoni hi tal-kugini tieghu, fosthom l-attur, il-qorti diga’ qalet li ma tressqet l-ebda prova konkreta li dan hu l-kaz u ghalhekk l-attur ma jistax jargumenta li ghandu l-pussess ghaliex hu proprjetarju tal-art.

Mehud in konsiderazzjoni tal-provi li tressqu l-qorti tikkonkludi li l-attur ma rnexxielux jaghti prova li f’Novembru 2010 kellu l-pussess tal-art u wisq inqas li l-konvenut wettaq xi spoll. F’tali cirkostanzi l-azzjoni ta’ spoll tfalli.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[2] Nota li Paul Portelli pprezenta fid-29 ta’ Lulju 2011 (ara l-atti tal-kawza numru 38/2010 deciza minn din il-qorti fit-18 ta’ Jannar 2011.).